**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 24**

**Il-Ħamis 18 ta' Frar 2021**

Il-Kunsilli Lokali ta' Marsaxlokk iltaqa' fil Binja tal Kunsill , li tinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorjo Cassar, Marsaxlokk - fl-4:00 ta' wara nofs in-nhar.

**PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Steven Grech | – | Sindku |
| Elenia Desira | – | Viċi Sindku |
| Janice Chetcuti | – | Kunsillier |
| Daniel Zerafa | – | Kunsillier |
| Stephen Caruana | – | Kunsillier |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Charles Attard – Deputat Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| **24.1** | **Qari ta' ittri ta' apoloġiji** |
| 24.1.1 | Xejn |
| **24.2** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti** |
| 24.2.1 | Kopja tal-minuti tas-seduta preċedenti numru 23 tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-minuti ta' dawn il-laqgħat ittieħdu bħala moqrija. |
| 24.2.2 | Is-Sin. Elenia Desira pproponiet u ssekonda Stephen Caruana bħala koretti, il-minuti tas-seduta preċedenti numru 23 u ġew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| **24.3** | **Komunikazzjonijiet mis-Sindku** |
| 24.3.1 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fit-28 ta` Jannar 2021, is-Sindku flimkien mas-Surġent tal-Komunita kellhom laqgħa ma rappreżentant tat-Transport Malta fejn saru diskussjonijiet biex itejbu t-toroq ta Marsaxlokk. |
| 24.3.2 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fid-29 ta` Jannar 2021 Is-Sindku Kellu laqgħa maċ-Chairman li qed jieħu ħsieb il-proġett tal-Magħluq biex jiddiskutu fuq l-istess proġett (mooring) |
| 24.3.3 | Is- Sindku informa l-kunsilliera preżenti li fit-1 ta' Frar 2021 is-Sindku flimkien mal- Kunsillier Daniel Zerafa u l-Assistent Prinċipal Jordy Brincat, kellhom laqgħa ġewwa l-uffiċini ta' Infrastructure Malta mal-Kap Eżekuttiv l-Inġ Frederick Azzopardi, il-Perit Raphael Abdilla u Dr.Rachel Powell, F'din il-laqgħa ġew diskussi diversi proġetti ta' fejda u li jkunu ta' qabża fil-kwalità tal-ħajja fil-lokalità tagħna. Fost dawn it-temi kien hemm:<br><br>> It-tkomplija ta' Triq Għajn Osiris u l-bini ta' ġnien ġdid bejn din l-istess triq u Triq il-Kavallerizza.<br>> Asfalt ta' Triq iż-Żejtun (bejn ir-roundabout u l-Villa Sans Souci)<br>> Asfalt ta' Triq iż-Żejtun (quddiem in-niċċa ta' Santu Kristu)<br>> Bankina ġdida fi Triq Axtart u kif ukoll asfalt fil-biċċa t'isfel<br>> Bankina u asfalt ta' Triq il-Kajjik (kollha)<br>> Bankina u asfalt ta' Triq iċ-Ċippi<br>> Il-Bankina ta' Triq l-Arżnell (minn tarf sa tarf)<br>> Tkomplija ta' Triq Dellimara<br>> Tħawwil ta' diversi siġar fi Triq il-Port Ruman<br>> Triq it-Trunċiera<br>> Triq Xrobb l-Għaġin (Limiti ta' Dellimara) |
| 24.3.4 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fit-3 ta`Frar 2021, is-Sindku kellu laqgħa ma Infrastructure Malta biex jiddiskutu dwar l-Iskall. |
| 24.3.5 | Is-Sindku informa l-kunsilliera preżenti li fl-4 ta` Frar 2021, is-Sindku flimkien mal Assistent Principal Jordy Brincat kellhom laqgħa ma' Ramon Deguara mill-Cleansing Dept rigward il-problemi tal-iskart li jitħalla wara l-monti tal-Ħadd speċjalment il-fdalijiet tal-ħut. |

| | |
|---|---|
| 24.3.6 | Is-Sindku informa l-kunsilliera preżenti li fit-8 ta` Frar 2021, is-Sindku, flimkien mal-Assistent Prinċipal Jordy Brincat u l-Kunsillier Stephen Caruana kellhom laqgħa mal-Infrastructure Malta rigward il-Pontuni tal-magħluq u l-irranġar tal-bajja tal-Magħluq , u wara kellhom laqgħa oħra mal-bejjiegħa tal-hut rigward it-tindif ta wara l-monti tal-Ħadd. Wara kellhom laqgħa oħra mas-segretarju tal-Ministru tal-Enerġija rigward il-Binja tal-kunsill. |
| 24.3.7 | Is-Sindku informa l-kunsilliera preżenti li fit-9 ta` Frar 2021, is-Sindku flimkien mal- Assistent Principal Jordy Brincat kellhom laqgħa mal-Perit Robert Grech u Adrian Mifsud l-Iskema SPI SCI 2.20.21 l-upgrading tal-bandli u l-binja tal-Kunsill. |
| 24.3.8 | Is-Sindku informa l-kunsilliera preżenti li fit-12 ta` Frar 2021, is-Sindku flimkien mal- Assistent Principal Jordy Brincat u l-Kunsillier Stephen Caruana kellhom laqgħa mal-Ononrevoli Ministru Miriam Dalli fejn ġew diskussi diversi suġġetti fosthom il-Binja tal-Kunsill, biex jitħaffef il-process ta New Street lighting , devoluzzjoni tad-dawl tal-Parking area, il-Ġnien tal-Port Ruman, u l-pannelli tal-Binja tal-Kunsill. |
| 24.3.9 | Is-Sindku informa l-kunsilliera preżenti li fis-17 ta' Frar 2021 kellu laqgħa ma' Dolan Debattista fil-Ministeru tat-Turizmu rigward il-pjanti tal-magħluq. |
| 24.3.10 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fil-15 ta Frar 2021 is-Sindku flimkien mad-Deputat Seg. Eżekuttiv u l-Accountant kellhom laqgħa mal- Maniger tal-BOV, fejn urewħ il proposta tal-binja kif ukoll ġie spjegat kif ser ikun id-dħul tal-Kunsill. Il-Bank kien sodisfatt min kif hu maħsub li ser isiru il pagamenti ta ħlas. Intalbet li issir *letter of Commitment* min entitajiet li huma interessati li jikru parti mill binja. |
| 24.3.11 | Is-Sindku informa il-Kunsilliera preżenti li il-photocopier l-antika kient bil ħsara u ġie deċiż li din tinbieħ u tinkera waħda. |
| 24.3.12 | Is-Sindku informa il-Kunsilliera preżenti li ser jinbidlu il-Lampi f'Port Ruman |
| 24.3.13 | Is-Sindku informa il-Kunsilliera preżenti li ltaqa ma xi persuni sabiex issir it tinda tal-għajn tal-Ħassilin. |
| 24.3.14 | Is-Sindku informa il-Kunsilliera preżenti li L-ERAa bagħatet multa oħra din id-darba fuq żewġ siġriet li tressqu. Il-Perit ser jitkellem mal-ERA. |
| 24.3.15 | Il-Kunsill se jaghmel applikazzjoni biex isir proġett ghall *Boat Yard*. Din ser tkun bi ħlas imma is-somma ser tkun waħda reġonevoli. Sar qbil li issir din il propsta u tiġi diskussa aktar il quddiem fid-dettal. |
| 24.3.16 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera li ser tinħareġ call ghal Supervisor p/time scale 16 ghax hemm il bzonn ta membru iehor tal-staff. |
| **24.4** | **Mistoqsijiet tal kunsilliera** |
| 24.4.1 | Ġie iċċarat li bil flus propsti mil-Gvern tħalliet l-għażla lill Kunsill minflok jgħamel il-Munument kif kien propost il-flus jintużaw biex isir rinnovar tal-Latrini pubbliċi. |
| 24.4.2 | Is-Sindku spjega kif ser isir ix-xogħol fuq il-Bajja tal- Mgħaluq. Is-sa Janice Chetcuti staqsiet jekk hux ser issir grada sabiex tgħati l-aċċess għall min għandu id-dgħajsa biss, kif ukoll jekk hux ha jkun hemm barriers puliti li jwaqfu il-vetturi li jinżlu fuq ir-ramel. Sar qbil fuq ix-xogħol propost. |

| | |
|---|---|
| | Staqsiet ukoll re puntuni li kienu inqalaw, fejn is sinkdu spjega li għad irid isir xi tindif u finalment kulhadd jieħu postu. |
| 24.4.3 | Sar qbil mill-Kunsilliera preżenti rigward L-Iskema SPI SCI 2.20.21. |
| 24.4.4 | Is-Sa Janice Chetcuti staqsiet rigward xi dwal fil-*Housing Estate*. Hemm arbli partikolari li ser jinqalghu sabiex isir xi tisbieh? Sindku ikkonferma li ma daħal l-ebda ilment jew rapport. |
| 24.4.5 | Daniel Staqsa dwar San Girgor. Giet diskussa u sar qbil li peress li tħassru il-festi kollha il-kunsill ser jimxu mar regoli li ħarġu mill-awtoritajiet tas-saħħa, u il festa mhux ser issir.Daniel spjega kif ser tigi varata il visual app. |
| **24.5** | **Hinijiet Tal-Monti** |
| 24.5.1 | Waqt il-laqgħa li saret kienu preżenti ufficjali mill General Worker's Union. Ġew negozjati il-posti tal parkeġġ tal-Monti ta' nhar ta' Ħadd. Il-Kunsill iddeċieda li ssir Bye-Law li jkun single parking biss u jiddaħlu il-kundizzjonijiet kollha. |
| **24.5.** | **Annual Audit Report** |
| 24.5.1 | Ġie mgħoddi r-Rapport u kunsidrat moqri. |
| **24.6** | **Xiri ta' Vettura** |
| 24.6.1 | Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippropona li tinxtara vettura għall-fini u l-użu tal-qadi tal-Kunsill sabiex jiġi evitat li jintużaw vetturi personali. Il-valur tal-vettura li tinxtara ikun inqas minn €5,000. Sar qbil bejn dawk preżenti. |
| **24.7** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi tal Pagamenti** |
| 24.7.1 | Proponiet Elenia Desira u ssekonda Stephen Caruana |
| **24.8** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |
| 24.8.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fit-18:35pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda, u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 25 ta' Marzu 2021, fl-16:00. |

Konfermati, illum 25 ta' Marzu 2021

**IFFIRMATA**

______________________

**Steven Grech**
*Sindku*

**IFFIRMATA**

______________________

**Charles Attard**
*Deputat Segretarju Eżekuttiv*